**ANNESS I**

**KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR**

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Emulsjoni Bovalto Ibraxion għal injezzjoni.

## 2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

**Sustanza Attiva**
Kull doża ta' 2 ml fiha:
il-vajrus inattivat IBR *gE deleted*, mill-inqas ........................................................................ 0.75 VN.U*
* VN.U: titlu tal-antikorp li jinnewtralizza il-vajrus wara t-tlaqqim tal-vaċċin fil-fniek ta' l-Indi.

**Adjuvant**
zejt *paraffin* ħafif ........................................................................................................ 449.6 sa 488.2 mg

Għall-lista sħiħa ta' l-ingredjenti (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Emulsjoni għal injezzjoni.

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Bovini

### 4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott.

Immunizzazzjoni attiva tal-bovini biex jitnaqqsu s-sintomi kliniċi tar-rinotrakeite fil-bovini (IBR) u *field virus excretion*.

Bidu tal-immunita': 14-il ġurnata
Tul tal-immunita': 6 xhur.

### 4.3 Kontra indikazzjonijiet

Xejn

### 4.4 Twissijiet speċjali <għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott>

Xejn

### 4.5 Prekawzjonijiet Speċjali għall-Użu

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali

Laqqam biss annimali f'saħħithom.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali

Għal min se juża:
Dan il-prodott veterinarju mediċinali fih żejt minerali. Injezzjoni aċċidentali jew jekk tinjetta lilek innifsek jista' jirriżulta f'uġigħ kbir u nefħa specjalment jekk tinjetta f'ġog jew subgħa u f'kazijiet rari jista' jkun il-kawża li jkollok taqta' subgħajk jekk ma tingħatax għajnuna medika mal-ewwel.
Jekk tiġi njettat bi żball b'dan il-prodott, fittex għajnuna medika mal-ewwel, anke jekk ġie njettat ammont żgħir ħafna u ħu l-fuljetta ta' informazzjoni li tinsab fil-pakkett miegħek. Jekk l-uġigħ idum għal aktar minn tnax–il siegħa, wara l-eżami mediku, erġa' fittex parir mediku.

Għat-Tabib:
Dan il-prodott veterinarju mediċinali fih żejt minerali. Anke jekk ġew injettati ammonti żgħar, injezzjoni bi żball ta' dan il-prodott tista' tikkawza nefħa intensa, li tista' per eżempju tikkawża nekrożi iskimika u anke l-bżonn li jinqata' xi subgħa. Attenzjoni minn kirurgu espert għandha tingħata MAL-EWWEL u jista' jkun hemm bżonn li jinfetaħ is-subgħa u tiġi rrigata l-parti fejn seħħet l-injezzjoni, speċjalment fejn hemm il-laħam tas-subgħa jew it-tendin tal-muskolu.

## 4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)

L-injezzjoni tal-vaċċin tista'tikkawża reazzjoni temporanja fit-tessut fil-post tal-injezzjoni, li tista' ddum 3 ġimgħat u f'każi rari, sa' ħames ġimgħat.

It-tlaqqim jista jtella d-deni (inqas minn 1°C) għal perjodu qasir (inqas minn 48 siegħa wara l-injezzjoni) mingħajr l-ebda konsegwenza fuq is-saħħa jew l-imġiba tal-annimal.

Tista' tikkawża reazzjoni ta' ipersensitivita'. Dan jiġri ħafna u kura sintomatika adegwata għandha tiġi amministrata.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:
- Komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 annimali li juru effetti mhux mixtieqa matul il-perjodu ta' kura waħda)
- Komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'100 annimal)
- Mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn10 annimali f'1,000 annimal)
- Rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn10 annimali f'10,000 annimal)
- Rari ħafna (inqas minn annimal wieħed f'10,000 annimal, inklużi rapporti iżolati).

## 4.7 Użu fit-tqala, fit-treddigħ u fi żmien il-bidien

Bovalto Ibraxion jista' jintuża waqt it-tqala u fi żmien il-ħalib .

## 4.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni

M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' din it-tilqima jekk tintuża flimkien ma kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju. Id-deċiżjoni sabiex tintuża din it-tilqima qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, għaldaqstant għandha tittieħed każ b'każ.

## 4.9 Ammont li jingħata u l-metodu ta' amministrazzjoni

Amministra doża waħda (2 ml) b'injezzjoni taħt il-ġilda fl-għonq (fuq quddiem ta' l-ispalla).skond dan il-programm li ġej:

Il- preżenza ta' antikorpi derivati mill-omm kontra ir-rinotrakeite infettiva fil-bovini tista' tfixkel fit-tilqim u tirrikjedi programm adattat ta' tilqim.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

| | |
|---|---|
| Il-vaċċin bażiku: | żewġ injezzjonijiet b'21 ġurnata bejniethom. Għall-użu f'annimali l'fuq minn ġimgħatejn, fin-nuqqas ta' antikorpi li ġejjin mill-omm kontra il-vajrus tal-IBR jew minn 3 xhur il fuq fil-preżenza ta' antikorpi derivati mill-omm. |
| It-tieni vaċċin: | injezzjoni *booster* għandha tiġi amministrata kull 6 xhur. |

Ħawwad sew qabel tuża.
Ħalli l-vaċċin jilħaq temperatura ta' 15°C-25°C.
Uża siringi u labar sterilizzati.

### 4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti), jekk ikun hemm bżonn

L-ebda effetti mhux mixtieqa ħlief dawk msemmija f'sezzjoni 4.6 ma ġew osservati wara li ġiet amministrata doża eċċessiva.

### 4.11 Perjodu ta' tiżmim

Ġranet xejn.

## 5. KWALITAJIET IMMUNOLOĠIĊI

Grupp farmakoterapewtiku: Immunoloġiċi, virus rinotrakeite fil-bovini (IBR)

Kodici ATĊ veterinarja: Q102AA03

Bovalto Ibraxion huwa vaċċin li hu *gene specific deleted (gE)*, inattivat u bl'adjuvant miegħu li jaġixxi billi jimmunizza attivament il-bovini; huwa ikkaratterizzat bil-produzzjoni ta' l-antikorpi li jinnewtralizzaw il-vajrus tar-Rinotrakeite Infettiva fil-Bovini.

Id-*deletion tal-gE gene* tippermetti li ssir differenza bejn annimali vvaċċinati b'vaccini *gE*-negative (anti gE antikorp negattiv, IBR antikorp li jinnewtralizza l-vajrus positiv) u annimali infettati b'mod naturali (positivi sia għall-antikorp li jinnewtralizza il-vajrus tal-IBR kemm l-antikorp *anti gE*). Il-prodott Bovalto Ibraxion jista' għalhekk jintuża bħala vaċċin *marker* flimkien ma' test dijanjostiku adegwat.

## 6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

### 6.1 Lista ta' ingredjenti

zejt paraffin ħafif
Benzyl alcohol
Triethanolamine
Polyoxyethylene oleate
Polyoxyethylene oleic alcohol
Potassium chloride,
Sodium chloride,
Potassium dihydrogen phosphate,
Disodium phosphate dihydrate,
Magnesium chloride
Calcium chloride

### 6.2 Inkompatibilitajiet

Tħallatx ma ebda prodott mediċinali veterinarju ieħor.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

### 6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

Żmien li l-prodott mediċinali veterinarju jista' jinżamm fuq l-ixkaffa ippakkjat għall-bejgħ : 18-il xahar
Żmien li l-prodott jibqa' tajjeb wara li jkun infetaħ il-pakkett immedjat : 6 sigħat

### 6.4 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ (2°C – 8°C )
Tiffriżax.
Ipproteġi mid-dawl.

### 6.5 In-natura u l-għamla tal-ippakkjar li jmiss mall-prodott

Fliexken tal-ħġieġ tat-Tip I b'tapp tan-nitril u ssiġillat b'tapp ta' l-aluminju
Kaxxa tal-kartun bi flixkun jew 10 fliexken ta' 5 dożi (1 x 10 ml jew 10 x 10 ml)
Kaxxa tal-kartun bi flixkun jew 10 fliexken ta' 10 dożi (1 x 20 ml jew 10 x 20 ml)
Kaxxa tal-kartun bi flixkun jew 10 flieken ta' 25 doża (1 x 50 ml jew 10 x 50 ml)

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq

### 6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użata jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skond kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż.

## 7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

MERIAL
29 avenue Tony Garnier
69007 LYON
FRANCE

## 8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI(JIET) GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/99/017/001-006

## 9. DATA TA' L-EWWEL AWTORIZZAZZJONI / TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

Data ta' l-ewwel awtorizzazzjoni: 09/03/2000
Data ta' l-aħħar tiġdid tal-awtorizzazzjoni: 23/03/2010

## 10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediku veterinarju tinstab fuq il-websajt ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini http://www.ema.europa.eu/.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

**PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVVISTA U/JEW UŻU**

Il-manifattura, l-importazzjoni, il-pussess, bejgħ, provista u / jew l-użu ta' Bovalto Ibraxion jista' jkun ipprojbit fi Stat Membru fit-territorju kollu tiegħu jew ġo parti minnu minħabba l-politika nazzjonali tiegħu. . Kull persuna li turi l-intenzjoni li timmanifattura, timporta, tippossjedi, tbiegħ, tipprovdi u/jew tuża Bovalto Ibraxion għandha tikkonsulta ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru dwar il-programmi ta' tilqim kurrenti qabel timmanifattura, timporta, tippossejdi, tbiegħ, tipprovdi u/jew tuża.

Prodott medicinali li m'għadux awtorizzat

**ANNESS II**

**A. MANIFATTUR TAS-SUSTANZA BIOLOĠIKA ATTIVA U IL-MANIFATTURA RESPONSABBLI MILL-HRUĠ TAL-LOTT**

**B. KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVISTA U L-UŻU**

**Ċ. DIKJARAZZJONI TAL-MRLs**

## A. MANIFATTUR TAS-SUSTANZA BIOLOĠIKA ATTIVA U L-MANIFATTUR RESPONSABBLI MILL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manufattur tas-sustanza bioloġika attiva

MERIAL
Laboratoire Lyon Gerland
254, Avenue Marcel Mérieux
69007 Lyon
FRANCE

Isem u indirizz tal-manifattur responsabbli mill-ħruġ tal-lott.

MERIAL
Laboratoire Porte des Alpes
Rue de l'Aviation
69800 Saint Priest
FRANCE

## B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

Skont l-Artikolu 71 tad-Direttiva 2001/82/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif emendata, Stat Membru jista, skont il-liġijiet nazzjonal tiegħu, jipprojbixxi il-manifattura, l-importazzjoni, il-pussess, il-bejgħ, il-forniment u/jew l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji immunoloġiċi fit-territorju sħiħ tiegħu jew parti minnu jekk jiġi stabbilit illi:

a) l-għotja tal-prodott lill-annimali tinterferixxi ma' l-implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali għad-djanjosi, il-kontroll u jew l-eradikazzjoni tal-mard ta' l-annimali, jew tikkawża diffikultajiet fiċ-ċertifikazzjoni ta' l-assenza tal-kontaminazzjoni f' annimali ħajjin jew fl-ikel jew prodotti oħrajn li jiġuminn annimali ttrattati;

b) il-marda li għaliha l-prodott huwa intiż li jagħti immunità hija ġeneralment assenti mit-territorju in kwistjoni.

## C. DIKJARAZZJONI TA' L-MRLs

Is-sustanza attiva li hija prinċipju ta' oriġini bioloġiku maħsuba sabiex tipproduċi immunità attiva ma taqgħax fi ħdan l-iskop tar-Regolament (KE) Nru 470/2009.

L-addittivi, inkluż l-aġġuvanti, elenkati f'sezzjoni 6.1 tas-Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott huma jewsustanzi ammissibbli li għalihom m'hemmx bżonn ta' limiti massimi ta' residwi kif indikat fit-tabella numru 1 tal-anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 jew ikunsidrati li ma jaqgħux fi ħdan l-iskop tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 meta wżati bħal f'dan il-prodott mediċinali veterinarju.

Prodott medicinali li m'għadux awtorizzat

**ANNESS III**

**TIKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF**

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

**A. TIKKETTA**

Prodott medicinali li m'għadux awtorizzat

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**
**{NATURA/TIP}**
**5 dożi (10 ml)**
**10 x 5 dożi (10 x 10 ml)**
**10 dożi (20 ml)**
**10 x 10 dożi (10 x 20 ml)**
**25 doża (50 ml)**
**10 x 25 doża (10 x 50 ml)**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Emulsjoni Bovalto Ibraxion għal injezzjoni.

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

Għall kull doża ta' 2 ml :
. il-vajrus inattivat IBR *gE deleted,* mill-inqas ........................................................................ 0.75 VN.U*
. zejt *paraffin* ħafif ............................................................................................... 449.6 sa 488.2 mg
* VN.U: titlu tal-antikorp li jinnewtralizza il-vajrus wara t-tlaqqim tal-vaċċin fil-fniek ta' l-Indi.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Emulsjoni għal injezzjoni.

## 4. DAQS TAL-PAKKETT

5 dożi (10 ml)
10 x 5 dożi (10 x 10 ml)
10 dożi (20 ml)
10 x 10 dożi (10 x 20 ml)
25 doża (50 ml)
10 x 25 doża (10 x 50 ml)

## 5. SPEĊI GĦAL X'HIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Bovini


## 6. INDIKAZZJONI(JIET)

## 7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Aqra l-fuljett ta' tagħrif li jinsab fil-pakkett qabel tuża'.Taħt il-ġilda SC

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

**8. ŻMIEN TA' TIŻMIM**

Żmien ta' Tiżmim: xejn ġranet

**9. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ**

Jekk tinjetta bi żball huwa perikoluż

**10. DATA TA' SKADENZA**

Jiskadi {xahar / sena}
La darba infetaħ uża fi żmien 6 sigħat

**11. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN**

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ
Tiffriżax.
Ipproteġi mid-dawl

**12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ**

Aqra l-fuljett ta' tagħrif fil-pakkett qabel tuża.
Rimi: ara l-fuljett ta' tagħrif.

**13. IL-KLIEM "GĦALL-KURA TAL-ANNIMALI BISS" U KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVVISTA U L-UŻU, JEKK APPLIKABBLI**

Għall-kura tal-annimali biss - Għandu jingħata biss bi preskrizzjoni veterinarja.

L-importazzjoni, l-pussess, l-bejgħ, il-provista u/jew l-użu tal-prodott mediċinali veterinarju jista' jiġi pprojibit fi Stat Membr fuq it-territorju kollu tiegħu jew parti minnu, ara l-fuljett ta' tagħrif li jinsab fil-pakkett għal aktar informazzjoni.

**14. IL-KLIEM "ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL"**

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

**15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

MERIAL
29 avenue Tony Garnier
69007 LYON
France

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

## 16. NUMRU/I TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

| | |
|---|---|
| EU/2/99/017/001 | 5 dożi (10 ml) |
| EU/2/99/017/04 | 10 x 5 dożi (10 x 10 ml) |
| EU/2/99/017/002 | 10 dożi (20 ml) |
| EU/2/99/017/005 | 10 x 10 dożi (10 x 20 ml) |
| EU/2/99/017/003 | 25 doża (50 ml) |
| EU/2/99/017/006 | 10 X 25 doża (10 x 50 ml) |

## 17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR

Lott

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻGĦAR TA' IPPAKKJAR LI JMISS MAL-PRODOTT**

**{GĦAMLA/TIP}**
**5 dożi (10 ml)**
**10 dożi (20 ml)**
**25 doża (50 ml)**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Emulsjoni Bovalto Ibraxion għal injezzjoni.
Bovini



## 2. KWANTITÀ TAS-SUSTANZA(i) ATTIVA(I)

Għall kull doża ta' 2 ml : il-vajrus inattivat IBR *gE deleted*, mill-inqas ……………….. 0.75 VN.U*

## 3. KONTENUT BĦALA PIŻ, VOLUM JEW NUMRU TA' DOŻI

5 dożi (10 ml)
10 dożi (20 ml)
25 doża (50 ml)

## 4. MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

SC

## 5. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Żmien ta' tiżmin: Xejn

## 6. NUMRU TAL-LOTT

Lott

## 7. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi {xahar/sena}

## 8. IL-KLIEM "GĦALL-KURA TAL-ANNIMALI BISS"

Għall-kura tal-annimali biss.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

**B. FULJETT TA' TAGĦRIF**

Prodott medicinali li m'għadux awtorizzat

**FULJETT TA' TAGĦRIF GĦAL:**
**Emulsjoni Bovalto Ibraxion għal injezzjoni.**

## 1. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ U TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦALL-MANIFATTURA RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT, JEKK DIFFERENTI

Sid l-Awtorizzazzjoni tal-Kummerċ:
MERIAL
29 avenue Tony Garnier
69007 Lyon
France

Manifattur li jħalli l-konsenja tmur fis-suq:
Merial MERIAL
Laboratoire Porte des Alpes
Rue de l'Aviation
69800 Saint Priest
France

## 2. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Emulsjoni Bovalto Ibraxion għal injezzjoni.

## 3. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I) U INGREDJENT(I) OĦRA

Kull doża (2 ml) fiha:
il-vajrus inattivat IBR *gE deleted,* mill-inqas ......................................................................0.75 VN.U*
adjuvant**:** zejt *paraffin* ħafif ……………………………………………………...449.6 sa 488.2 mg
* VN.U: titlu tal-antikorp li jinnewtralizza il-vajrus wara t-tlaqqim tal-vaċċin fil-fniek ta' l-Indi.

## 4. INDIKAZZJONI(JIET)

Immunizzazzjoni attiva tal-bovini biex jitnaqqsu s-sintomi kliniċi tar-rinotrakeite fil-bovini (IBR) u *field virus excretion*.

Bidu tal-immunita': 14-il ġurnata
Tul tal-immunita': 6 xhur.

## 5. KONTRAINDIKAZZJONIJIET

Xejn.

## 6. EFFETTI MHUX MIXTIEQA

L-injezzjoni tal-vaċċin tista' tikkawża reazzjoni temporanja fit-tessut fil-post tal-injezzjoni, li tista' ddum 3 ġimgħat u f'każi rari, sa' ħames ġimgħat.
It-tlaqqim jista jtella d-deni (inqas minn 1°C) għal perjodu qasir (inqas minn 48 siegħa wara l-injezzjoni) mingħajr l-ebda konsegwenza fuq is-saħħa jew l-imġiba tal-annimal.



Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

Tista' tikkawża reazzjoni ta' ipersensitivita'. Dan jiġri u kura sintomatika adegwata għandha tiġi amministrata.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:
- komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 annimali li juru effett(i) mhux mixtieq(a) matul il-perjodu ta' kura waħda)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'100 annimal)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn10 annimali f'1,000 annimal)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn10 annimali f'10,000 annimal)
- rari ħafna (inqas minn annimal wieħed f'10,000 annimal, inklużi rapporti iżolati).

Jekk tinnota xi effetti serji jew effetti oħra mhux msemmija f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok informa lit-tabib veterinarju tiegħek.

## 7. SPEĊI LI GĦALIHOM HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Bovini

## 8. DOŻA GĦAL KULL SPEĊI, MOD(I) U METODU TA' AMMINISTRAZZJONI

Ħawwad sew qabel tuża.
Ħalli l-vaċċin jilħaq temperatura ta' 15°C-25°C.
Uża siringi u labar sterilizzati.
Amministra doża waħda (2 ml) b'injezzjoni taħt il-ġilda (fuq quddiem ta' l-ispalla) skond dan il-programm li ġej:

Il- preżenza ta' antikorpi derivati mill-omm kontra ir-rinotrakeite infettiva fil-bovini tista' tfixkel fit-tilqim u tirrikjedi programm adattat ta' tilqim.

| | |
|---|---|
| Il-vaċċin bażiku: | żewġ injezzjonijiet b'21 ġurnata bejniethom. Għall-użu f'annimali l'fuq minn ġimgħatejn, fin-nuqqas ta' antikorpi li ġejjin mill-omm kontra il-vajrus tal-IBR jew minn 3 xhur il fuq fil-preżenza ta' antikorpi derivati mill-omm. |
| It-tieni vaċċin: | injezzjoni *booster* għandha tiġi amministrata kull 6 xhur. |

## 9. PARIR SABIEX TAMMINISTRA B'MOD KORRETT

Ara hawn fuq.

## 10. PERJODU TA' TIŻMIM

Xejn ġranet.

## 11. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-ĦAŻNA

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.
Aħżen u ttrasporta ġo friġġ (2°C – 8°C )

Tiffriżax.
Ipproteġi mid-dawl.
Żmien li l-prodott jibqa' tajjeb wara li jkun infetaħ; 6 sigħat
Tużax dan il-prodott veterinarju mediċinali wara d-data tal-iskadenza fuq it-tikketta wara EXP..

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

## 12. TWISSIJIET SPEĊJALI

Twissijiet speċjali għall-użu fl-annimali:
Laqqam biss annimali f'saħħithom.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali:
Għal min se juża:
Dan il-prodott veterinarju mediċinali fih żejt minerali. Injezzjoni aċċidentali jew jekk tinjetta lilek innifsek jista' jirriżulta f'uġigħ kbir u nefħa specjalment jekk tinjetta f'ġog jew subgħa u f'kazijiet rari jista' jkun il-kawża li jkollok taqta' subgħajk jekk ma tingħatax għajnuna medika mal-ewwel.
Jekk tiġi njettat bi żball b'dan il-prodott, fittex għajnuna medika mal/ewwel, anke jekk ġie njettat ammont żgħir ħafna u ħu l-fuljetta ta' informazzjoni li tinsab fil-pakkett miegħek. Jekk l-uġigħ idum għal aktar minn tnax -ilsiegħa, wara l-eżami mediku, erġa' fittex parir mediku.

Għat-Tabib:
Dan il-prodott veterinarju mediċinali fih żejt minerali. Anke jekk ġew injettati ammonti żgħar, injezzjoni bi żball ta' dan il-prodott tista' tikkawza nefħa intensa, li tista' per eżempju tikkawża nekrożi iskimika u anke l-bżonn li jinqata' xi subgħa. Attenzjoni minn kirurgu espert għandha tingħata MAL-EWWEL u jista' jkun hemm bżonn li jinfetaħ is-subgħa u tiġi rrigata l-parti fejn seħħet l-injezzjoni, speċjalment fejn hemm il-laħam tas-subgħa jew it-tendin tal-muskolu.

Tqala u treddigħ:
Bovalto Ibraxionjista' jintuża waqt it-tqala jew fi żmien il-ħalib.

Interazzjoni ma' prodotti mediċinal oħrajn u forom oħrajn ta' interazzjoni:
M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' din it-tilqima jekk tintuża flimkien ma kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju. Id-deċiżjoni sabiex tintuża din it-tilqima qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, għaldaqstant għandha tittieħed każ b'każ.

Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti):
L-ebda effetti mhux mixtieqa ħlief dawk imsemmija f'"Reazzjonijiet Avversi" ma ġew osservati wara li ġiet amministrata doża eċċessiva.

Inkompatibilitajiet:
Tħallatx ma ebda prodott mediċinali veterinarju ieħor

## 13. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR RIMI TA' PRODOTT MHUX UŻAT JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skond kif titlob il-liġi tal-pajjiż.

## 14. DATA META ĠIE APPROVAT L-AĦĦAR IL-FULJETT TA' TAGĦRIF

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott tinstab fuq il-websajt ta' l-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini http://www.ema.europa.eu/.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

## 15. TAGĦRIF IEĦOR

Bovalto Ibraxion huwa vaċċin li hu *gene specific deleted (gE),* inattivat u bl'adjuvant miegħu li jaġixxi billi jimmunizza attivament il-bovini; huwa ikkaratterizzat bil-produzzjoni ta' l-antikorpi li jinnewtralizzaw il-vajrus tar-Rinotrakeite Infettiva fil-Bovini.

Id-*deletion tal-gE gene* tippermetti li ssir differenza bejn annimali vvaċċinati b'vaccini *gE*-negative (anti gE antikorp negattiv, IBR antikorp li jinnewtralizza l-vajrus positiv) u annimali infettati b'mod naturali (positivi sia għall-antikorp li jinnewtralizza il-vajrus tal-IBR kemm l-antikorp *anti gE*). Bovalto Ibraxion jista' għalhekk jintuża bħala vaċċin *marker* flimkien ma' test dijanjostiku adegwat.

Il-manifattura, l-importazzjoni, il-pussess, bejgħ, provista u / jew l-użu ta' Bovalto Ibraxion jista' jkun ipprojbit fi Stat Membru fit-territorju kollu tiegħu jew ġo parti minnu minħabba l-politika nazzjonali tiegħu. . Kull persuna li turi l-intenzjoni li timmanifattura, timporta, tippossjedi, tbiegħ, tipprovdi u/jew tuża Bovalto Ibraxion għandha tikkonsulta ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru dwar il-programmi ta' tilqim kurrenti qabel timmanifattura, timporta, tippossejdi, tbiegħ, tipprovdi u/jew tuża.

Fliexken tal-ħġieġ tat-Tip I b'tapp tan-nitril u ssiġillat b'tapp ta' l-aluminju
Kaxxa tal-kartun bi flixkun jew 10 fliexken ta' 5 dożi
Kaxxa tal-kartun bi flixkun jew 10 fliexken ta' 10 dożi
Kaxxa tal-kartun bi flixkun jew 10 flieken ta' 25 doża

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat